RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 27**

* **Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù Itaqa' nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 11 ta' Diċembru 2012 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Ċerpersin | |
| Il-Profs. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin | 6.40 pm |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru | |
| Is-Sra Cecilia Bonello | Membru | |
| Is-Sra Etienne Stephania Gatt | Membru | |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv | |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 pm

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A26**

1.01 Iċ-Ċerpersin Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A26 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekondat din il-proposta s-Sra Cecilia Bonello. Il-minuti ġew approvati. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A26*

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A 26**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. *Korrezzjoni*

**3.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 26**

3.01 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il laqgħa li l-laqgħa ta' kordinazzjoni hija maħsuba li ssir f'Jannar 2013 hekk kif jgħaddu l-festi. *Tneħħija ta' tliet arbli tad-dawl matul Triq il-Buskett*

** Il-Profs. Griscti Soler daħal għal-laqgħa fis-6.40 pm.



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| 3.02 | 3.02 Il-Profs. Griscti Soler ippropona li jsir studju dwar liema bankini hemm bżonn li jinbnew sabiex hekk kif il-Gvern joħroġ skema oħra nkunu preparati u napplikaw minnufih. | Progress dwar il-bankina fi Triq F. Azopardi |
| 3.03 | 3.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il laqgħa li taħt il-Belvedere tnaddaf mill-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Artijiet.<br>Is-Sur Christopher Farrugia informa 'l laqgħa li s-siġar tal-ħarrub ma jistgħux jinżabru peress li jrid jinħareġ permess mill-MEPA. | Żbir tas-siġar ta' taħt il-*belvedere* |
| 3.04 | 3.04 Is-Sra Cecilia Bonello talbet li ssir attenzjoni meta jitpoġġew it-*traffic calmers* fi Triq Godwin Ganado sabiex jiġi evitat li jidħol l-ilma tax-xita fil-kantini tar-residenzi.<br>Is-Sur Lino Pace Bonello qal li f'din it-triq ser isiru l-*cushions* proprju sabiex l-ilma tax-xita jgħaddi liberament. | *Traffic Calmers* |
| 3.05 | 3.06 Is-Sur Lino Pace Bonello u s-Sur Christopher Farrugia ppreżentaw *site plan* bit-tabelli li diġà hemm imwaħħlin kif ukoll bit-tabelli li qed jipproponu li jsiru. Huma pproponew li t-tabelli l-ġodda jitwaħħlu fi Triq tal-Virtù, Triq Godwin Ganado u Triq Carlo Fiamingo hekk kif hemm indikat fuq is-*site plan* li ppreżentaw. Għaldaqstant ġie deċiż li jiġu ordnati żewġ tabelli biex jeħlu mal-ħajt u żewġ tabelli fuq *pole*.<br>Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li l-erba' tabelli li jinsabu fi Triq tal-Virtù jiġu mibdula ma' oħrajn ġodda peress li ċċaraw. Il-Kumitat qabel.<br>Sar qbil ukoll li ninfurmaw lir-Reġjun tat-Tramuntana sabiex jibda jintbagħat gwardjan lokali waqt tlugħ u nżul ix-xemx peress li dawn huma l-aktar ħinijiet komuni li r-residenti joħorġu 'l klieb tagħhom. | Tabelli tal-ħmieġ tal-klieb |
| **4.00** | **Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv** | |
| 4.01 | Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv. | |
| **5.00** | **Komunikazzjoni mill-membri** | |
| 5.01 | Il-Profs. Griscti Soler ippropona li jinħareġ fuljett fejn il-Kumitat Amministrattiv ikollu l-opportunità li jinforma lir-residenti dwar ix-xogħlijiet kollha li saru, li qed isiru u li ġew irrifjutati. Barra minn hekk inkunu nistgħu nniżżlu l-proposti għax- | Fuljett tal-KA Virtù |

xhur li ġejjin.

5.01.1 Is-Sra Stephania Gatt ipproponiet li jekk dan il-fuljett ma jsirx, nitolbu lill-Kunsill sabiex ningħataw l-opportunità li jkollna aktar paġni fir-Rabta.

5.01.2 Il-Kumitat qabel li s-Sur Lino Pace Bonello, il-Profs. Griscti Soler u s-Sur Christopher Farrugia jiġbru l-materjal kollu fuq CD u jgħadduh lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex niġbru stima dwar kemm ser tiġi l-ispiża biex isir dan il-fuljett. Il-Kumitat qabel.

5.02 Il-Profs. Griscti Soler talab li tinkiteb ittra lil Transport Malta sabiex isiru l-*bus shelters* peress li kulma hemm, huma *bus stops* biss u r-residenti m'għandhomx fejn jistkennu fil-maltemp. *Bus Shelters*

5.03 Is-Sra Cecilia Bonello pproponiet li ssir *zebra crossing* fi Triq Carlo Fiamingo, però ma kienx hemm qbil u għaldaqstant din il-proposta m'għaddietx. *Zebra Crossing* fi Triq Carlo Fiamingo

5.04 Is-Sra Cecilia Bonello ġibdet l-attenzjoni li hemm bozza maqtugħa fuq arblu fi Triq Godwin Ganado mad-dar 'Linton'. Dan ir-rapport ser jgħaddi lill-Korporazzjoni Enemalta. Bozza maqtugħa fi Triq Godwin Ganado

5.05 Saret diskussjoni dwar is-siġar li kienu tħawwlu fil-bankina fi Triq Ġużeppi Caruana. Sar qbil li jsir appuntament bejn is-Sur Lino Pace Bonello, is-Sur Christopher Farrugia u l-avukat tal-Kunsill sabiex jibda jiġi investigat dan il-każ. Il-Kumitat Amministrattiv għandu jipproċedi skont il-parir li jingħata mill-avukat. Siġar fi Triq Ġużeppi Caruana

5.06 Is-Sur Lino Pace Bonello saħaq li apprezza l-ġest tal-Kunsill li bil-kumplament tal-flus tat-tieni skema jiġi asfaltat il-Wied tal-Isqof, però xtaq juri d-diżappunt tiegħu li dawn il-flus ma ntużawx peress li l-kuntrattur tar-*resurfacing* tat-toroq ma setax jagħmel dan ix-xogħol sat-*target date* li nħarġitilna mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba mpenji ta' xogħol ieħor li kellu. Asfaltar fil-Wied tal-Isqof

**6.00 Aġġornament**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar 2013 fis-6.30 p.m. Aġġornament

6.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 pm

**Lino Pace Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**